MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1894/1997/1

**Elbi Limited**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi hija socjeta' stabbilita' Malta li kienet topera fil-kamp tal-izvilupp u dezinn ta' "*software programmes*" u prodotti teknologici simili ghas-swieq barranin; u

Premess illi mit-twaqqif taghha fl-1996 is-socjeta' attrici investiet flus kbar fl-akkwist ta' taghmir u apparat

necessarju ghall-operazzjonijiet taghha, kif ukoll fir-reklutagg ta’ impjegati specjalizzati fid-dezinn u l-produzzjoni ta’ “*software*” li ngabu Malta bil-familji taghhom biex jahdmu mas-socjeta’ fl-izvilupp ta’ programm teknologiku li kien anke prezentat pubblikament b’success f’wirja internazzjonali maghrufa bhala “Shorex Exhibition 1996” li nzammet f’Londra, l-Inghilterra, u

Premess illi sa Gunju tal-1997, is-socjeta’ attrici zvolgiet l-attivitajiet taghha minn Villa gewwa Ta’ Xbiex u dan ghall-konoxxenza shiha ta’ diversi protagonisti fis-settur lokali tat-teknologija tal-“*computer programming*” kif ukoll tal-awtoritajiet Maltin; u

Premess illi fid-19 ta’ Gunju, 1997, il-Pulizija Ezekuttiva mmexxija mill-Ispettur Raymond Vella Gregory, organizzaw “*raid*” fl-ufficcji tas-socjeta’ attrici bhala parti minn investigazzjoni li kienet bdiet xi gimghat qabel kontra persuni li kienu gew arrestati fl-istess Villa u li sussegwentement kienu tressqu l-Qorti akkuzati bi ksur tal-Ligi li terregola l-attivitajiet finanzjarji gewwa Malta, u

Premess illi f’dan ir-*raid*, li gie ezegwit b’forza u precizjoni kwazi militari taht il-lenti tat-televizjoni pubblika, il-Pulizija elevaw it-taghmir u l-apparat kollu tal-“*computers*” li sabu fl-ufficcji tas-socjeta’ attrici u f’temp ta’ ftit sighat iddistruggew is-sistemi operattivi kollha li bihom is-socjeta’ attrici kienet tiffunzjona u tahdem; u

Premess illi apparti l-apparat tal-“*computers*” imsemmija, il-Pulizija elevat ukoll diversi “*printers*”, “*scanners*”, “*monitors*”, “*CD-Roms*”, “*sound-blasters*”, “*modems*” diski u programmi accessorji ohra li l-impjegati tas-socjeta’ attrici kienu juzaw waqt xogholhom; u

Premess illi bhala rizultat tal-azzjoni tal-Pulizija, kemm l-apparat kif ukoll il-prodotti teknologici li kienu jiffurmaw l-assi kummercjali principali tas-socjeta’ attrici, tqieghdu taht il-kontroll shih tal-Pulizija b’mod li s-socjeta’ attrici twaqqfet mill-attivitajiet taghha u ma setghetx topera aktar; u

Premess illi l-azzjoni tal-Pulizija kienet, fic-cirkostanzi maghrufa tas-socjeta'attrici, sproporzjonata u abbuziva billi l-istess Pulizija kellha kull opportunita' taghmel l-investigazzjoniiet taghha fuq l-apparat tas-socjeta' attrici fl-ufficcji taghha stess u anke titlob il-ko-operazzjoni tad-direttur u l-impjegati tas-socjeta' li kienu prezenti waqt ir-*raid* sabiex issir indagini shiha fuq kif l-apparat kien qed jintuza u ghal liema skopijiet; u

Premess illi qabel ma gew elevati l-apparat u l-accessorji tas-socjeta' attrici, il-Pulizija lanqas biss ittentat tinvestiga l-uzu tal-apparat "*on site*" b'mod professjonali jew ghalinqas talbet spjegazzjoni minghand id-direttur prezenti tal-attivita tas-socjeta' permezz tas-sistema komputerizzata li kien hemm istallata; u

Premess illi s-socjeta' attrici garbet hsarat kbar bhala konsegwenza tal-interruzzjoni tal-attivita' taghha mill-Pulizija; u

Premess illi minkejja li s-socjeta' attrici pprezentat Protest Gudizzjarju (Dok A) kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali, li biha talbet lill-istess jergghu jirreintegraw is-sistema operativa li biha kienet tiffunjzona u jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta' bhala rizultat tal-azzjonijiet abbuzivi tal-Pulizija waqt ir-*raid de quo*, dawn baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddikjarahom responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici bhala rizultat tad-distruzzjoni tas-sistema operativa tal-istess socjeta' waqt "*raid*" li nzamm fid-9 ta' Gunju, 1997, liema "*raid*" sar b'nuqqas ta' hila u b'inattenzjoni shiha ghas-soggett tal-investigazzjoni.

B'rizerva ghall-azzjoni ulterjuri kontra l-konvenuti ghall-likwidazzjoni tad-danni f'gudizzju separat u bl-ispejjez tal-Protest Gudizzjarju prezentat kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 11 tal-process fejn eccepixxu:

1. Illi kwantu ghall-konvenut Avukat Generali dan mhux legittimu kontradittur f’din il-kawza billi qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici, b’hekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ;

2. Illi fil-mertu t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li hu m’ghamel l-ebda hsara lill-apparat taghha; l-eccipjent Kummissarju tal-Pulizija eleva l-*Corpus delicti* li eventwelment gie ezebit taht l-awtorita’ tal-Qorti kompetenti fejn ghadu ezebit sal-lum.

3. Illi kienu nies ta’ l-istess socjeta’ attrici li ttentaw ihassru *d-data* li kien hemm fuq il-*computers* kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi matul l-investigazzjonijiet tal-Pulizija intuzat d-diligenza u l-prudenza mehtiega fic-cirkostanzi u sahansitra attendew nies teknici ghal dan l-iskop u ghalhekk ma saret l-ebda distruzzjoni ta’ xi sistema operativa kif qed jigi allegat.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi fil-premessi taghhom l-atturi qed jghidu li fir-*raid* li sar mill-pulizija dawn elevaw it-taghmir u l-apparat kollu tal-“*computers*” li sabu fl-ufficji tas-socjeta’ attrici u ddistruggew is-sistemi operattivi kollha li bihom is-socjeta’ attrici kienet tiffunzjona u tahdem. L-atturi ssottomettew li l-pulizija kellha kull opportunita’ taghmel l-investigazzjoniiet taghha fuq l-apparat tas-socjeta’ attrici fl-ufficcji taghha stess u anke titlob il-ko-operazzjoni tad-direttur u l-impjegati tas-socjeta’ li kienu prezenti waqt ir-*raid* sabiex issir indagini shiha fuq kif l-apparat kien qed

jintuza u ghal liema skopijiet izda minflok il-pulizija zarmaw is-sistema.

Is-socjeta’ attrici qed tikkontendi li garrbet hsarat kbar bhala konsegwenza ta’ l-interruzzjoni tal-attivita’ taghha mill-Pulizija u ghalhekk talbu li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici.

Il-konvenuti ssottomettew li kienet saret *search* f’Mejju, 1997 u kien irrizultalhom li kienu qed isiru operazzjonijiet bankarji mill-post minghajr permess. Imbaghad kien sar *raid* iehor u gew elevati diversi *computers* u apparat konness li ttiehed id-Depot ghall-investigazzjoni. Wara ittiehdu proceduri bil-Qorti kontra diversi individwi fuq misappropprijazzjoni u operazzjoni bankarji llegali.

Il-konvenuti cahdu li meta elevaw l-apparat huma agixxew b’nuqqas ta’ hila u b’inattenzjoni shiha kif qed jallegaw l-atturi.

Illi fil-kumpilazzjoni li kienet saret kontra Vitaly Platinov kien gie nominat l-espert tal-*computers* Martin Bajjada li pprezenta rapport (ara fol. 88). Dan xehed diversi drabi quddiem dina l-Qorti u qal li l-*computers* li kien ezamina l-Depot ghand il-pulizija kienu jahdmu (fol. 62) izda kien hemm bicciet neqsin (fol. 64) u dana setgha jghidu billi mill-*computers* setgha jara li kien hemm *servers* ohra li ma kienux hemm. Il-*computers* kienu fl-ahjar kondizzjoni li setghu jitpoggew mill-pulizija (fol 76). Kif kienu gew elevati l-*computers*, hu ma setghax jaghmel *reconstruction* ta’ kif kienet in-*network* pero’ kif kienu hu setgha jahdem fuqhom (fol. 77) tant li sab li kien hemm data li giet imhassra mill-atturi u li hu rnexxilu jirritrivja (ara fol. 76). Meta Platinov irtira l-oggetti elevati minghandu dan iddikjara li dawn kienu. (ara fol. 70-71) allavolja fl-affidavit tieghu jghid li l-konvenuti kienu elevawhom b’mod barbaru.

L-espert spjega li l-*computers* gew elevati hazin fis-sens li ma setghetx issir *reconstruction* tan-*network* jew sistema li kienet qed tintuza mill-atturi, u mhux ghax saret hsara fihom. Hsara fizika fuq l-apparat ma saritx, izda l-elevar

ma sarx kif suppost ghax ma giex preservat il-kontenut tieghu (ara fol. 82) u dana ai fini ta' prova eventwali fil-Qorti. Il-*computers* li hu ezamina kienu kollha jahdmu (fol. 83).

Skond l-espert is-sistema ma kienitx giet distrutta izda kienet giet zmantellata b'mod li ma setghax jerga jirrikostwixxi n-*network* kollu kif kien qabel ghax kien hemm bicciet neqsin. Dan kien jirrendi l-prova li riedet taghmel il-prosekuzzjoni aktar difficili. Kieku kellu l-*parts* kollha kien ikun jista' jhaddem is-sistema kif kienet ghand l-atturi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li meta l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija baghat in-nies tieghu biex jaghmlu r-*raid* f'Gunju huwa diga' kellhu provi f'idejh li l-atturi ma kienux semplicement qeghdin joperaw fil-kamp tal-izvilupp u dezinn ta' "*software programmes*" u prodotti teknologici simili biss imma kienu qed jaghmlu attivita ohra mhiex permessa mill-ligi. Lill konvenuti rrizultalhom li bejn l-ewwel *search* u r-*raid*, l-atturi kienu baghbsu fis-sistema taghhom u kienu ddisponew minn xi data. L-ispettur Vella Gregory xehed li sab *export documents* li juru li apparat kien gie *shipped* barra minn Malta bejn iz-zewg *raids*.

Ghalkemm il-konvenuti setghu jezaminaw is-sistema jew dak li kien fadal minnha fuq il-post, jidher li huma diga kellhom provi li kien qed isir tbghabis fis-sistema. Inoltre waqt ir-*raid* sabu nuqqas ta' koperazzjoni mill-atturi, tant li l-ispettur kellu jiehu l-forza (manettjar) fil-konfront ta' Platinov biex izomm lill dina l-persuna biex tkun prezenti waqt li kien qed isir ir-raid (fol. 73).

Mill-provi prodotti ghalhekk jirrizulta li hsara fizika fuq il-*computers* ma saritx mill-konvenuti u lanqas id-*data* li kien hemm fihom ma thassritx mill-konvenuti. Il-konvenuti kellhom id-dmir li jippreservaw dak li sabu, il-*corpus delicti*, billi jelevaw l-appart. Fic-cirkostanzi huma kienu gustifikati li jizmantellaw is-sistema u mhux ihalluha fuq il-post u jiehdu l-appart id-Depot ghall investigazzjoni u

konsegwentement iwaqqfu l-operazzjonijiet tas-socjeta' attrici.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilchad it-talba attrici
bl-ispejjez kontra taghhom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------